MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 365/2011

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 3021/11 CP**

**James Camilleri & Son Limited C-7679**
**Vs**
**Joseph Demicoli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mir-rikorrent Joseph Demicoli nhar is-26 ta' Ottubru, 2011, fejn ippremetta:
"*Illi r-rikorrent Joseph Demicoli huwa mastrudaxxa u jopera mill-fabbrika zghira tieghu 'St. Joseph Woodworks', li tinsab fi Trejqet Wied Mazza, Zabbar. Ir-rikorrent jimpjega persuni bhala lavranti f'din il-fabbrika.*
*Illi s-sekwestrant is-socjeta' attrici James Camilleri & Sons Limited kienet fornitrici ta' diversi materjali ta' injam lir-rikorrent.*
*Illi s-socjeta' attrici talbet u ottjeniet mill-Onorabbli Qorti premessa, il-qbid ta' diversi oggetti proprjeta' tas-sekwestrant Joseph Demicoli u dana permezz ta' mandat ta' Qbid li jgib in-numru 3021/11CP in segwitu tal-*

*kanonizazzjoni ta' kreditu permezz tal-proceduri ghat-talbiet mhux opposti skond l-***Artikolu 166A tal-Kapitolu 12** *tal-Ligijiet ta' Malta ghal ammont ta' tliet elef mitejn disgha u hamsin Ewro u hamsa u sebghin Ewro centesmu (€3,259.75) inkluzi l-ispejjez u l-imghax skond il-ligi.*

*Illi l-marixxal inkarigat mill-esekuzzjoni tal-Mandat, mar fil-fond tar-rikorrent hawn fuq imsemmi u minn fuq il-post, permezz ta' setgha moghtija lilha mil-ligi qabdet is-segwenti oggetti – magna ta' kulur ahdar, magna lupa u magna ohra tal-ingranar, kopja tal-lista tal-oggetti maqbuda tinsab annessa u mmarkata bhala Dok A.*

*Illi, kemm il-darba s-socjeta' attrici kellha d-dritt li tesegwixxi t-titolu esekuttiv kanonizzat favuriha, dan ma setghax isir kontra l-ligi u dan qieghed jinghad ghax l-oggetti kollha elenkati mill-Marixxal jikkonsistu f'ghodda li biha r-rikorrent jehtieglu sabiex jesercita l-arti tieghu u dan pjenament ai termini tal-***Artikolu 304 (d) tal-Kapitolu 12** *tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili tal-Ligijiet ta' Malta***.**

*Illi, in oltre ghandu jinghad li l-azzjoni tas-sekwestrant hija wahda perfida ghall-ahhar (enfasi tal-esponenti) u dan stante li s-socjeta' attrici hija ben konxja li l-indirizz fejn intalab l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid surreferit huwa l-lant tax-xoghol tar-rikorrent u li l-intenzjoni taghha kienet proprju li tissekwestra lir- rikorrent dawk l-oggetti sabiex ma jkunx jista jahdem.*

*Illi, subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li s-sekwestrant jaqla' l-ghejxien tieghu, dik tal-familja tieghu u dik ukoll tad-dipendenti tieghu u lavranti biss minn din il-fabbrika u l-ftit ghodda li ghandu, il-qbid u konsegwenti privazzjoni mill-uzu ta' dawn l-oggetti ser ikun ta' pregudizzju kbir mhux biss lilu izda l-persuni kollha imsemmija.*

*Illi subordinament minghajr pregudizzju ghas-suespost, jishaq ir-rikorrent Joseph Demicoli li minghajr l-ghodda mehtiega ser jitqieghed fil-posizjoni li ma jkunx jista' jahdem u jhallas lill-istess kreditur tieghu.*

*Ghaldaqstant talab li is-sekwestrat Joseph Demicoli li in vista tar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-Mandat ta' Qbid li jgib in-Numru 3021/11CP mahrug fil-konfront tieghu mis-sekwesrant s-socjeta' attrici James Camilleri & Son Limited u esegwit gewwa l-fabbrika tieghu "St. Joseph*

*Woodworks", Trejqet Wied Mazza, Zabbar ghandu jigi michud u konsegwentement minhabba l-motivi kollha hawn premessi u dawk il-provi producibbli fi stadju opportun, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tappunta u tiffissa data u hin sabiex tiffissa seduta ghas-smiegh ghall-kancellament u/jew riduzzjoni tal-Mandat ta' Qbid premess permezz ta' dan ir-rikors*."

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata James Camilleri & Son Limited li giet prezentata fil-21 ta' Novembru 2011 fejn eccepiet is-segwenti:

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li dak mitlub mir-rikorrenti ma jinkwadrax ruhu fl-ebda artikolu tal-ligi u ghandu jsejjes ir-rikors fuq artikoli tal-ligi.*
*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in subordinazzjoni ghall-istess, ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex dan il-mandat ghandu jigi michud.*
*3. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-merkanzija mibjugha kienet proprju ghas-sengha jew snajja prattikata/i mill-istess Joseph Demicoli u ghalhekk hu lecitu li l-mandat jigi esegwit fuq il-lant tax-xoghol tieghu kif di piu' hu permess mill-Ligi."*

**Joseph Demicoli** xehed nhar is-6 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara illi ilu jahdem fis-sengha ta' mastrudaxxa ghal dawn l-ahhar hamsa w tletin (35) sena. Il-garaxx minn fejn jopera qieghed St Joseph Woodwork, Triq il-Wied Mazza, Zabbar. Esebixxa kopja tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3021/11 CP. Huwa spjega li l-magni msemmija fl-atti ta' dan il-mandat huma ghodda li juza fis-sengha tieghu. Wahda minnhom hija tal-incanar tal-injam, wahda minnhom hija l-lupa, u ghodda li tisserra u taqta' l-injam. Dawn huma tliet bicciet ta' ghodda li juza in konnesjoni max-xoghol tieghu. It-tielet magna cioe' dik tal-ingranar hija dik li taqta' l-injam. Huwa sostna li l-marixxalla meta dahlet ghandu ma staqsietu xejn. Kemm qabdet u kitbet dawn l-ghoddod u telqet il-barra, u fil-fatt lanqas tkellem

maghha. Ix-xhud kien fl-ufficcju jitkellem man-nies, il-marixalla dahlet, kitbet li kellha tikteb u harget il-barra. Ix-xhud lanqas iffirmalha xi karti hu. Pero' fil-garaxx kien hemm xi haddiema tieghu. Fil-fatt kien lavrant, wiehed minn tieghu li qallu x'nizlet il-marixxalla fil-mandat. Huwa kkonferma bil-gurament li l-marixalla ma taghtu l-ebda kopja ta' dan il-mandat imma taghtu lill-lavrant. Il-lavrant jismu Mario Gatt. Hemm ghodod ohrajn fil-garaxx, driller, rawters, ohrajn, u apparti lil Mario ghandu lavrant iehor li jismu Jesmond Galea. Xoghlu hu li jaghmel l-ghamara ghan-nies. Lil James Camilleri ma offrielu l-ebda garanzija, li jaf biss huwa li gew maqbuda dawn l-oggetti ndikati fil-mandat. Ix-xhud ikkonkluda billi jghid li fil-fatt illum ghadu debitur tas-socjeta' intimata.

Il-**Marixxall Carmen Pisani** xehdet nhar l-14 ta' Gunju 2012 u kkonfermat li kienet marret fil-garage msejjah 'St' Joseph Woodworks' fi Trejqet Mazza, Zabbar u esegwiet il-Mandat ta' Qbid numru 3021/11 fuq tlett magni li nstabu fil-garage kif ahjar deskritti fl-imsemmi Mandat ta' Qbid. Spjegat li hija minn Haz-Zabbar u ghalhekk lir-rikorrenti Joseph Demicoli tafu sew u kkonermat li dakinhar meta esegiet il-Mandat ta' Qbid ir-rikorrenti kien fil-post fl-ufficcju ma' xi nies u kienet kelmitu. Ikkonfermat li kien hemm ukoll xi haddiema tieghu izda l-karti tal-mandat ghaddiethom lilu. Kienet infurmatu li hewa kellu jaghti xi flejjes lil James Camilleri & Son Ltd u qaltlu li kienet ser tezegwixxi l-mandat izda peress li ma kelliex in-numru tal-konsinjatarju, giet tajba ghaliex ma kinitx ser televalu l-oggetti. Mistoqsija jekk kienx ir-rikorrenti li qallha x'kellha tikteb fil-Mandat wiegbet b'mod kategoriku fin-negattiv u qalet li hadd ma jghidilha x'ghandha tikteb fil-mandat ghaliex dak huwa d-deskrizzjoni taghha u tahdem bl-esperjenza li ghandha. Mistoqsija jekk setax ikun li fil-fatt ir-rikorrenti ma kienx hemm dakinhar u tkellmet biss ma' xi haddiema tieghu wiegbet li le ma setax ikun il-kaz ghaliex hija tiftakar tajjeb l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat.

**Mario Galea** xehed nhar l-14 ta' Gunju 2012 u kkonferma li huwa impjegat mar-rikorrenti u jahdem mieghu fil-garage. Ftakar li jum minnhom kienet marret marixxal mara flimkien ma' marixxal iehor u kienu dahlu fil-garage

u kitbu xi haga fuq xi karti u tawhomlu u telqu ‘l hemm. Mistqosi jekk ir-rikorrenti kienx fil-garage wiegeb li kien fl-ufficcju ma xi nies. Mistoqsi jekk il-Marixxal tkellmitx mieghu qal li le fl-ebda hin. Mistoqsi min ihalsu u kif jithallas qal li jithallas kull gimgha mir-rikorrenti u gieli jdum ma jithallas.  Mistoqsi jekk l-ingenji deskritti fil-mandat jintuzawx fis-sengha tar-rikorrenti qal li dawn jintuzaw in konnessjoni max-xoghol ta’ l-ghamara.

**Joseph Demicoli** rega’ xehed nhar l-14 ta’ Gunju 2012 u nsista li fl-ebda hin ma’ tkellem mal-Marixxal u fl-ebda hin il-Marixxal ma tat xi karti lilu izda halliethom mal-impjegat tieghu u dan in segwitu ghaddiehom lilha. Mistoqsi x’inhuma l-ingenji li nqabdu bil-Mandat qal li huma ta’ bzonn ghas-sengha tieghu sabiex jaghmel l-ghamara. Mistoqsi fejn jghix qal li jghix fil-garage li mhux tieghu izda mikri lilu minn terz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar l-14 ta’ Gunju 2012 u rat l-Qorti giet awtorizzata li tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsdrat.
Illi f’din il-kawza ir-rikorrenti qed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta’ Qbid fl-ismijiet premessi Numru 3021/11 CP u dan principalment ghaliex gie esegwit fuq ghodda li biha r-rikorrenti jinhtieglu sabiex jezercita l-arti tieghu u dan pjenament ai termini tal-Artikolu 293(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat bl-Att VII tas-sena elfejn u tlieta (2003). Jinghad li l-intimat kien ottjena titolu esekuttiv permezz tal-Artikoku 166A li gie rez esekuttiv fl-ammont ta’ tliet elef, mitejn u disa’ u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€3,259.75).  Jinghad li dwar il-quantum dovut lis-socjeta’ intimata ma hemmx kontestazzjoni.

**L-Artikolu 293 (1)** tal-Kapitolu 12 jiddisponi is-segwenti:

M’humiex suġġetti għal qbid:

(*d*) "*il-magni u l-għodda meħtieġa għat-tagħlim jew l-eżerċizzju ta' xi xjenza jew ta' xi arti tad-debitur, tal-mara tiegħu jew tat-tfal tiegħu";*

Ir-rikorrenti jsostni li l-mandat in kwistjoni kien mahrug fuq dawk l-oggetti imsemmija fis-sub inciz fuq riferit u cioe' fuq oggetti li ma humiex sekwestrabbli skond il-ligi peress li huma oggetti konsistenti f'magni u l-ghodda li hija mehtiega ghas-sengha ta' mastrudaxxa liema oggetti huma ragonevolment mehtiega ghall-ghejxien dicenti tar-rikorrenti u ghall-familja tieghu.

Kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'referenza ghall-Artikolu 293 li qabel kien jinqara 304 fil-kawza "**Sciberras vs Pace Balzan et**" (Kollezz Vol. XVI.III.p 39), "*dan l-artikolu huwa eccezzjoni ghar-regola generali li min ikun obbliga ruhu personalment huwa tenut kont li jadempjixxi l-obbligazzjonijiet tieghu bil-beni kollha prezenti u futuri, u ghalhekk ma jistax jigi estiz oltre l-kazijiet li jinsabu fih espressi*." F'dan il-kaz ir-rikorrenti gie kanonizzat kreditur tal-intimat fuq ordni ta' merkanzija li kien ordna u giet konsenjata lilu liema konsenja r-rikorrenti baqa' ma hallasx ghaliha.

Dik il-Qorti kompliet tikkummenta hekk fuq dak l-artikolu:

"*Trattandosi ta' privilegg hu obbligu tat-tribunal li japplika l-ligi fis-sens lletterali, b'effett restrittiv (Appell – Cachia vs Barbara deciz fil-21 ta' Frar 1986 –Vol. XV p 403). Tant aktar meta wiehed izomm quddiem ghajnejgh ic-cirkostanza li din l-interpretazzjoni restrittiva giet ordnata mill-istess legislatur tal-ligi Municipali (Kodici De Rohan para 24, Lib II, Cap III) li minnha originat il-ligi."*

Kif tajjeb inghad fis-sentenza aktar ricenti fl-ismijiet '**Catherine Scicluna pro et noe vs Direttur tas-Sigurta' Socjali'** deciza nhar il-31 ta' Jannar 2001:

*"Illi din il-Qorti thoss li dan l-artikolu ghandu jigi interpretat b'mod restrittiv.*(sottolinear ta' din il-Qorti) *Dan ma jfissirx li ma jigux kunsidrati c-cirkostanzi kollha tal-kaz u n-necessitajiet ghall-ghejxien dicenti ta' dak li jkun. Pero' jrid*

*ikun hemm bilanc bejn id-diffikultajiet tad-debitur u min naha l-ohra li l-kreditur ghandu jithallas dak li hu dovut lilu, ghaliex fin-nuqqas ta' dan tkun qed isir nuqqas ta' gustizzja konta il-kreditur."*

Illi skond il-Maltese – English Dictionary ta' Joseph Aquilina il-kelma arti hija mfissra bhala "art skill, craftsmanship" u ghalhekk jidher car li dak li qed jigi protett fl-istess disposizzjoni tal-ligi, ma humiex l-ghodda mehtiega ghax-xoghol izda biss l-ghodda u l-magni li huma essenzjali ghat-taghlim jew esercizzji ta' xjenza jew arti tad-debitur jew uliedu, u arti hija mehuda fis-sens ristrett taghha ta' xoghol artistiku iktar minn sengha *ut sic*. Illi dan johrog car mill-konnotati kollha ta' l-istess sub-artikolu li qed jirreferi ghat-taghlim u esercizzju ta' xjenza, apparti l-arti u ghalekk jikkomprendi wkoll lill-persuna mhux biss tad-debitur, izda wkoll tat-tfal tieghu.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Attard Blue Mix Concrete Supplies Companu Limtied vs Pilastri Construction Limited'</u>** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Lulju 2001:

"*Il-konkluzjoni logika tal-istess interpretazzjoni hija dak li qed jigi protett huma dawk l-oggetti necessarji ghall-istruzzjoni u esercizzju tax-xjenza u arti u mhux l-ghodda anke jekk necessarju ghax-xoghol u ghall-esercizzju tal-kummerc jew attivita kummercjali tad-debitur*."

Kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **<u>'Azzopardi vs Spiteri'</u>,** deciza fis-7 ta' Marzu 1951, "*il-kelma arti uzata fil-ligi ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejhu 'belle arti' imma anke l-arti mekkanici u industrijali u ghalhekk hu protett b'dik id-disposizjoni (gja artikolu 304) tant l-'artista' kemm l-'artigjan'. L-oggetti eskluzi jridu jkunu skond ma qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza '**<u>Serra vs Grech'</u>** deciza fit-12 ta' Dicembru 1938 mhux biss konnessi man-negozju tad-debitur izda jridu jkunu mezzi indispensabbli ghall-ghexien tad-debitur. A bazi ta' dawn il-principji, l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc b'sentenza moghtija fil-11 ta' April 1986 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Scicluna vs</u>***

***Valenzia'*** *kienet iddecidiet li* *l-ghodda ta' mastrudaxxa ma jistghux jinqabdu.* (sottolinear ta' din il-Qorti)*"*.

Il-Qorti ghalhekk ezaminat il-lista tal-oggetti li gew maqbuda bis-sahha tal-mandat in kwistjoni u verament jidher li gew elevati l-ingenji li huma necessarji ghall-ezercizju tas-sengha ta' mastrudaxxa, b'mod li per konsegwenza, r-rikorrenti ser ikun impedut milli jkompli jmexxi n-negozju tieghu.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tilqa' t-talba rikorrenti u tirrevoka l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Numru 3021/11 CP in kwantu gew milquta s-segwenti oggetti kif enumerati fuq l-istess mandat u cioe':**

**1. Magna ta' kulur ahdar tal-marka Grigio;**
**2. Magna Lupa ta' kulur ahdar tal-marka Invinsible; u**
**3. Magna ta' l-ingranar ta' kulur ahdar tal-marka Invinsible;**
**U konsegwentement qeghda tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' intimata.**

**L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------